



Dokument ta' sessjoni

A9-0344/2021

10.12.2021

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni minn Spanja – EGF/2021/004 ES/Aragón automotive
(COM(2021)0683 – C9-0404/2021 – 2021/0356(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Esteban González Pons

WERREJ

| | Paġna |
|---|--------------|
| MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW | 3 |
| ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL..... | 7 |
| NOTA SPJEGATTIVA | 10 |
| ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI..... | 14 |
| ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI..... | 17 |
| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI..... | 19 |
| VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI..... | 20 |

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni minn Spanja – EGF/2021/004 ES/Aragón automotive (COM(2021)0683 – C9-0404/2021 – 2021/0356(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0683 – C9-0404/2021),
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013¹ ("ir-Regolament dwar il-FEG"),
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027² ("ir-Regolament dwar il-QFP") u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda³, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0344/2021),
- A. billi l-Unjoni stabbiliet strumenti leġiżlattivi u baġitarji biex tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li qed ibatu mill-konsegwenzi tal-globalizzazzjoni u mill-bidliet teknoloġiċi u ambjentali, bħall-bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, it-tilwim kummerċjali, bidliet sinifikanti fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni jew fil-kompożizzjoni tas-suq intern u kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, kif ukoll it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew tal-awtomatizzazzjoni;
- B. billi Spanja ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2021/004 ES/Aragón automotive għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), wara li 592 ħaddiem fis-settur tal-ekonomija kklassifikati taħt id-Diviżjoni 29

¹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

² ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.

³ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers) fir-reġjun NUTS 2 ta' Aragón (ES24) fi Spanja ġew issensjati, f'perjodu ta' referenza għall-applikazzjoni mill-1 ta' Novembru 2020 sal-1 ta' Mejju 2021;

- C. billi l-applikazzjoni hija relatata mal-592 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet matul il-perjodu ta' referenza f'ħamsin kumpanija⁴, filwaqt li 460 ħaddiem ġew issensjati qabel jew wara l-perjodu ta' referenza b'ħala konsegwenza tal-istess avvenimenti li wasslu għall-waqfien tal-attività tal-ħaddiema ssensjati matul il-perjodu ta' referenza u għalhekk se jitqiesu wkoll b'ħala beneficijarji eliġibbli;
- D. billi l-applikazzjoni hija bbażata fuq il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi l-waqfien mill-attività ta' mill-anqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' sitt xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku definit fid-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi kif definit fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru;
- E. billi l-pandemija tal-COVID-19, il-miżuri stretti ta' lockdown implimentati fit-tieni trimestru tal-2020 fi Spanja⁵ u n-nuqqas sussegwenti ta' semikondutturi⁶ affettwaw b'mod negattiv is-settur tal-karozzi fil-pajjiż, sabiex matul Jannar-Ġunju 2021, il-produzzjoni ta' vetturi fi Spanja (1,2 miljun unità) kien għadu anqas b'21,6 % mill-produzzjoni fl-istess perjodu tal-2019⁷;
- F. billi f'Aragón, is-setturi tal-karozzi jirrappreżentaw 2,42 % tal-impjiegi netti u madwar 6 % tal-PDG reġjonali⁸, u l-qgħad irreġistrat issa huwa 26 % ogħla mil-livelli ta' qabel il-pandemija (75 578 persuna li qed ifittxu impjieg f'Ġunju 2021 meta mqabbla mas-60 000 f'Ġunju 2019)⁹;
- G. billi l-FEG m'għandux jaqbeż ammont massimu annwali ta' EUR 186 miljun (bi

⁴ Adieconti S.L., Lear Corporation Asientos S.L., Adient Automotive S.L., Lecitrailer Post Venta Zaragoza S.L., Adient Seating Spain S.L., Lecitrailer S.A., Af Aftermarket Iberica S.L., Magna Automotive Spain S.A.U., Android Industries Zaragoza S.L., Mahle Behr Spain S.A., Arcelormital Tailored Blanks Zaragoza S.L., Majorel Sp Solutions S.A.U., Carrocerías Moncayo S.L., Mann-Hummel Iberica S.A., Carrocerías Vicam S.L., Modulos Ribera Alta S.L.U., Carrocerías Vicente Salomon Sanz S.L., Opel España S.L.U., Casting Ros S.A., Proma Hispania S.A.Ad, Celulosa Fabril S.A., Remolques Jalon S.L., Cooper Estándar Automotive España Slu, Rhenus Automotive Systems Zaragoza, Copo Aragón S.L.U., Rigual S.A., Copo Zaragoza S.A., Ronal Iberica S.A. Unipersonal, Dana Automoción S.A., Schmitz Cargobull Iberica S.A., Faurecia Automotive España S.A., Seguridad De Servicio Movil S.L., Faurecia Sistemas de Escape, Talleres Emilio Montañes S.A., Flexngate Aragón S.L., Ti Group Automotive Systems S.A., Gestamp Aragón S.A., Traf Automotions S.L., Gestamp Manufacturing Autochasis S.L., Tristone Flowtech Spain S.A., Icer Brakes S.A., Union Tecnológica del Automóvil S.L., Ilunion Servicios Industriales Aragón S.L., Valeo Térmico S.A., Ilunion Servicios Industriales S.L., Zanini Epila S.L., Insonorizantes Pelzer S.A., ZF-Aftermarket Ibérica SL., Kdk-Dongkook Automotive Spain S.A., u Zfoam España SL.

⁵ Skont id-data minn Confemetal u Anfac, il-pandemija kellha impatt sinifikanti fuq l-attività u fuq il-fatturat tal-intrapriżi li joperaw fis-settur tal-karozzi fi Spanja, u dan irriżulta fi tnaqqis fil-bejgħ (32,3 %), fil-produzzjoni (18,9 %), u fil-fatturat (11,3 %) fl-2020 meta mqabbel mal-2019: <https://anfac.com/wp-content/uploads/2021/07/Informe-Anual-ANFAC-2020.pdf>

⁶ Fil-bidu tal-2021, il-kriżi taċ-ċipep kienet mistennija li twassal għal telf ta' madwar EUR 60 biljun fis-settur tal-karozzi. Iċ-ċifra ġiet riveduta 'l fuq għal aktar minn EUR 90 biljun:

<https://www.consultancy.eu/news/6273/global-chip-shortage-costs-automotive-sector-90-billion>

⁷ https://cincodias.elpais.com/cincodias/2021/07/22/companias/1626961844_041144.html

⁸ <https://caaragon.com/>

⁹ <https://www.facebook.com/GobAragon/posts/6537004519658572>

prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament QFP;

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG ġew issodisfati, u li Spanja hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 404 863 fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, somma li tirrappreżenta 85 % tal-ispiża totali ta' EUR 1 652 780, u li tinkludi n-nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 1 600 280 u n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG¹⁰ ta' EUR 52 500; jinnota li r-rekwiżiti proċedurali kollha ġew issodisfati;
2. Jinnota li l-awtoritajiet Spanjoli ppreżentaw l-applikazzjoni fis-26 ta' Ġunju 2021, u li l-Kummissjoni ffinalizzat il-valutazzjoni tagħha fit-8 ta' Novembru 2021 u nnotifikat lill-Parlament biha fl-istess jum;
3. Jinnota li l-applikazzjoni b'kollox hija relatata ma' 1 052 ħaddiem li ngħataw is-sensja fis-settur tal-karozzi fi Spanja; jesprimi dispjaċir għall-fatt li Spanja tistenna li 320 biss mill-benefiċjarji eliġibbli kollha se jipparteċipaw fil-miżuri (benefiċjarji fil-mira); iħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali biex jimmotivaw b'mod aktar proattiv lill-persuni ssensjati biex jieħdu sehem fl-azzjonijiet proposti;
4. Jindika li terz tal-benefiċjarji fil-mira huma nisa (34,1 %) u kważi 40 % għandhom aktar minn 54 sena (39,7 %);
5. Ifakkar li l-impatti soċjali tas-sensji huma mistennija li jkunu konsiderevoli għall-ekonomija ta' Aragón, fejn 60 % tal-persuni li qed ifittxu impjieġ huma nisa u 49 % tal-persuni kollha li qed ifittxu impjieġ għandhom aktar minn 50 sena¹¹; jesprimi dispjaċir, għalhekk, għall-fatt li s-sensji se jaffettwaw b'mod partikolari żewġ kategoriji ta' ħaddiema li diġà huma fi żvantaġġ fis-suq tax-xogħol reġjonali;
6. Jinnota li Spanja bdiet toffri servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fil-15 ta' Ottubru 2021 u li għaldaqstant, il-perjodu ta' eliġibilità għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se jkun mill-15 ta' Ottubru 2021 sa 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni ta' finanzjament;
7. Ifakkar li s-servizzi personalizzati li għandhom jiġu pprovduti lill-ħaddiema u lill-persuni li jaħdmu għal rashom jikkonsistu fl-azzjonijiet li ġejjin: sessjonijiet ġenerali ta' informazzjoni u ta' merħba, gwida okkupazzjonali, assistenza intensiva fit-tfittix ta' impjieġ, taħriġ orizzontali, ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet, kif ukoll inċentivi monetarji; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jagħmlu enfasi akbar fuq programmi u azzjonijiet imfassla bil-ħsieb tal-interessi tan-nisa, peress li 34,1 % tal-benefiċjarji fil-mira huma nisa;
8. Jinnota li l-miżuri ppjanati għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-Istrateġija Spanjola dwar l-Ekonomija Ċirkolari bbażata fuq ċikli ta' materjal mhux tossiku u li l-miżuri ta' taħriġ għandhom jindirizzaw ir-rekwiżit tat-tixrid tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali u f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-FEG;

¹⁰ F'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament dwar il-FEG.

¹¹ <http://www.aragon.es/iaest> (Qgħad irreġistrat, Ġunju 2021)

9. Jinnota li Spanja bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva sabiex timplimenta l-FEG fl-1 ta' Ottubru 2021 u li għaldaqstant, in-nefqa fuq attivitajiet ta' tfejjiġja, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Ottubru 2021 sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni ta' finanzjament;
10. Jilqa' l-fatt li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati ġie mfassal f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali (UGT¹², CCOO¹³, CEPYME¹⁴ u CEOE¹⁵);
11. Jišhaq fuq il-fatt li l-awtoritajiet Spanjoli kkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli ma jirċevux assistenza minn fondi jew strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni;
12. Itenni li l-assistenza mill-FEG ma tridx tissostitwixxi azzjonijiet li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi, jew kwalunkwe allowance jew dritt tal-benefiċjarji tal-allokkazzjoni tal-FEG biex tiġi żgurata l-addizzjonalità sħiħa tal-allokkazzjoni;
13. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
14. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
15. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹² <http://www.ugt.es>

¹³ <https://www.ccoo.es>

¹⁴ <https://www.cepyme.es>

¹⁵ <https://www.ceoe.es>

ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni minn Spanja – EGF/2021/004 ES/Aragón automotive

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013¹⁶, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda¹⁷, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹⁶ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

¹⁷ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28.

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jippromwovi impjieg deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema ssensjati u għal dawk li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti kbar ta' ristrutturar u jgħinhom jirritornaw għal xogħol deċenti u impjieg sostenibbli mill-aktar fis possibbli.
- (2) Il-FEG ma jridx jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093¹⁸.
- (3) Fis-26 ta' Lulju 2021, Spanja ppreżentat applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward tas-sensji lill-ħaddiema fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt il-klassifikazzjoni Statistika tal-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea ("NACE")¹⁹ Reviżjoni 2 diviżjoni 29 (Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers) fir-reġjun ta' Aragón (ES24) fi Spanja tal-livell 2 tal-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika ("NUTS")²⁰. Din l-applikazzjoni ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali mogħtija f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Din l-applikazzjoni tikkonforma mal-kondizzjonijiet għal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/691.
- (4) Għaldaqstant jenħtieġ li l-FEG jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 404 863 fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata minn Spanja.
- (5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, jenħtieġ li din id-deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

¹⁸ Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

¹⁹ Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

²⁰ Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 271, 24.10.2019, p. 1).

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2021, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 1 404 863 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Hija għandha tapplika minn [*id-data tal-adozzjoni tagħha*]*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

* Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.

NOTA SPJEGATTIVA

I. Sfond

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni nħoloq biex jipprovdi assistenza addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027²¹ u tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 2021/691²², il-Fond ma jistax jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (prezzijiet tal-2018).

Fir-rigward tal-proċedura, skont il-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda²³, sabiex jiġi attivat il-Fond, il-Kummissjoni, f'każ ta' valutazzjoni pożittiva ta' applikazzjoni, tippreżenta lill-awtorità baġitarja proposta għall-mobilizzazzjoni tal-Fond u, fl-istess waqt, talba korrispondenti għat-trasferiment.

II. L-applikazzjoni ta' Spanja u l-proposta tal-Kummissjoni

Fis-26 ta' Lulju 2021, Spanja ppreżentat applikazzjoni EGF/2021/004 ES/Aragón automotive għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara 592 sensja fis-settur ekonomiku kklassifikati fid-diviżjoni 29 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers) fir-reġjun ta' livell NUTS 2 ta' Aragón (ES24) fi Spanja.

Wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli kollha tar-Regolament dwar il-FEG, li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG huma ssodisfati.

Fit-8 ta' Novembru, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG biex tappoġġja l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol ta' 320 benefiċjarju fil-mira, mill-592 ħaddiem issensjat matul il-perjodu ta' referenza ta' bejn l-1 ta' Novembru 2020 sal-1 ta' Mejju 2021 u 460 ħaddiem issensjat qabel jew wara l-perjodu ta' referenza.

Spanja qieset l-applikazzjoni ammissibbli skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi l-waqfien mill-attività ta' mill-anqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' sitt xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku definit fid-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi kif definit fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru.

Din hija r-raba' applikazzjoni tal-2021 u d-disa' waħda li għandha tiġi eżaminata fl-ambitu tal-baġit tal-2021, inkluż il-QFP il-ġdid (ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-

²¹ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 15.

²² ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

²³ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28.

2027²⁴) u l-IIA tas-16 ta' Diċembru 2020. Din hija wkoll r-raba' applikazzjoni tal-FEG li għandha tiġi eżaminata skont ir-Regolament il-ġdid dwar il-FEG²⁵.

Il-waqfien tal-attivitajiet tal-ħaddiema ssensjati matul il-perjodu ta' referenza ġie kkalkulat mid-data tat-terminazzjoni de facto tal-kuntratt tal-impjeg jew tal-iskadenza tiegħu.

L-applikazzjoni tirreferi għall-mobilizzazzjoni ta' ammont totali ta' EUR 1 404 863 mill-FEG għal Spanja li jirrappreżenta 85 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti.

L-objettivi tal-FEG huma li juri solidarjetà u jippromwovi impjegi deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi joffri assistenza fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar, b'mod partikolari dawk ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, tilwim kummerċjali, bidliet sinifikanti fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni jew fil-kompożizzjoni tas-suq intern u kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, kif ukoll it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew tal-awtomatizzazzjoni²⁶.

Il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat kriżi dinjija. Il-miżuri stretti tal-lockdown implimentati fi Spanja fit-tieni trimestru tal-2020 irriżultaw f'għeluq temporanju ta' attivitajiet kummerċjali tan-negozji tal-karozzi u tal-produzzjoni tal-karozzi, li laqtet sew is-settur tal-karozzi. Skont id-data minn Confemetal²⁷ u Anfac²⁸, il-pandemija kellha impatt sinifikanti fuq l-attività u fuq il-fatturat tal-intrapriżi li joperaw fis-settur tal-karozzi fi Spanja, u dan irriżulta fi tnaqqis fil-bejgħ (32,3 %) ²⁹, fil-produzzjoni (18,9 %), u fil-fatturat (11,3 %) fl-2020 meta mqabbel mal-2019, b'konsegwenzi negattivi fuq l-impjegi u fuq il-likwidità tal-intrapriżi (inadempjenzi tal-pagamenti, aċċess għall-kreditu, eċċ.)³⁰. Skont Anfac, in-nuqqas ta' semikondutturi madwar id-dinja qiegħed jagħmel stress addizzjonali fuq is-settur tal-karozzi u qiegħed jikkawża tnaqqis sinifikanti fil-produzzjoni tal-karozzi.

F'Aragón, is-setturi tal-karozzi jirrappreżentaw 2,42 % tal-impjegi netti u madwar 6 % tal-PDG reġjonali³¹. F'Ġunju 2021, ir-rata tal-qgħad reġjonali kienet 10,7 %³² li hija 3,6 pp ogħla mill-medja tal-UE (7,1 %) ³³. Mill-persuni kollha li qed ifittxu impjeg f'Aragón, 60 % huma nisa (il-perċentwal jiżdied għal 65 % jekk jitqies biss il-grupp ta' persuni qiegħda fit-tul). Barra minn hekk, 52 % tal-persuni li qed ifittxu impjeg irreġistrati huma qiegħda fit-tul (>12-il xahar), li minnhom 49 % għandhom aktar minn 50 sena³⁴. Minħabba li 40 % tal-benefiċjarji fil-mira jappartjenu għall-grupp ta' età ta' aktar minn 54 sena u terz tal-ħaddiema li nġhataw is-sensja huma nisa, is-sensji se jkollhom impatt partikolari fuq dawn iż-żewġ kategoriji ta' ħaddiema li diġà huma fi żvantaġġ fis-suq reġjonali tax-xogħol.

²⁴ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11.

²⁵ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

²⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/691.

²⁷ Confemetal hija l-Konfederazzjoni Spanjola tal-Organizzazzjonijiet tan-Negozju tal-Metall, li tirrappreżenta lil madwar 220 000 intrapriża u lil aktar minn miljun u nofs ħaddiem.

²⁸ Anfac hija l-assoċjazzjoni tal-manifatturi tal-karozzi Spanjoli.

²⁹ <https://anfac.com/wp-content/uploads/2021/07/Informe-Anual-ANFAC-2020.pdf>

³⁰ Confemetal. Il-Bullettin "Metal en cifras" [Nru 199](#), Lulju 2021

³¹ <https://caaragon.com/>

³² <https://datosmacro.expansion.com/paro-epa/espana-comunidades-autonomas/aragon>

³³ https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Unemployment_statistics

³⁴ <http://www.aragon.es/iaest> (Qgħad irreġistrat, Ġunju 2021)

Il-ħames tipi ta' azzjonijiet li għandhom jiġu pprovduti lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja u li għalihom qed jintalab il-kofinanzjament mill-FEG jikkonsistu fi:

- a. Sessjonijiet ġenerali ta' informazzjoni u ta' merħba: is-sessjoni ta' informazzjoni hija l-ewwel miżura li għandha tiġi offruta lill-benefiċjarji kollha fil-mira u tinkludi informazzjoni ġenerali dwar is-servizzi tal-konsulenza, programmi ta' taħriġ u inċentivi disponibbli. Is-sessjonijiet ta' informazzjoni individwali jinkludu t-tfassil ta' profili tal-parteciċipant u l-allokazzjoni tal-konsulent li se jakkumpanja lill-ħaddiem matul il-proċess lejn l-impjieġ mill-ġdid.
- b. Il-gwida okkupazzjonali se tiġi pprovduta permezz ta' sessjonijiet kollettivi u individwali. Il-ħaddiema interessati li jaħdmu għal rashom se jirċievu sessjonijiet ta' taħriġ, li jistgħu jkopru l-ippjanar, it-twettiq ta' studji ta' fattibilità, il-preparazzjoni ta' pjanijiet ta' negozju, għajnuna fl-identifikazzjoni ta' possibbiltajiet ta' finanzjament, eċċ.
- c. Assistenza intensiva għat-tiftix ta' impjieġ: permezz ta' sessjonijiet ta' darbtejn fil-ġimgħa, il-ħaddiema se jirċievu informazzjoni dwar it-tekniki tat-tfittix ta' impjieġ u l-proċessi ta' reklutaġġ. Din il-miżura tinkludi wkoll it-tfittixija attiva għal opportunitajiet ta' impjieġ lokali u reġjonali, u t-tqabbil tal-impjieġi.
- d. Taħriġ: dan se jinkludi (1) Taħriġ orizzontali, bħal ħiliet personali u ħiliet diġitali. (2) Taħriġ vokazzjonali għat-taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet għal dawk li jagħżlu li jidderieġu mill-ġdid il-karriera vokazzjonali tagħhom 'il bogħod mis-settur tal-karozzi, bħal-loġistika, l-iwweldjar, l-ġhodod tal-industrija 4.0 fl-ambjenti tal-produzzjoni (elementi bażiċi, problemi u proċess ta' implimentazzjoni ta' vettura ggwidata awtomatizzata (AGV), ir-realtà awmentata u r-Realtà Virtwali (AR/VR) u COBOTS fil-produzzjoni), jew Lean Six Sigma (ġestjoni tal-proġett). (3) Taħriġ vokazzjonali għat-titjib tal-ħiliet biex jiġu indirizzati l-ħiliet mitlubin fis-settur tal-karozzi, bħall-prevenzjoni tar-riskji meta wieħed jaħdem bil-batteriji tal-HEV; l-awtomatizzazzjoni u d-detezzjoni tat-theddid taċ-ċibersigurtà; awditur intern tal-kwalità tal-karozzi; jew l-Ġhodod Ewlenin tal-AIAG, li huma għodod meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' Sistema tal-Ġestjoni tal-Kwalità għall-Industrija tal-Karozzi, u jinkludu l-Pjan Avvanzat għall-Ippjanar u l-Kontroll tal-Kwalità tal-Prodotti (APQP), il-Proċess ta' Approvazzjoni tal-Parti tal-Produzzjoni (PPAP), l-Analiżi tal-Modalitajiet u l-Effetti tal-Ħsarat (FMEA), il-Kontroll tal-Proċess tal-Istatistika (SPC) u l-Analiżi tas-Sistemi ta' Kejl (MSA); eċċ.
- e. Inċentivi: (1) Inċentiv għall-parteciċipazzjoni: Il-ħaddiema li jlestu l-miżuri kollha inklużi fil-pjan miftiehem tagħhom għal lura fl-impjieġ, se jirċievu somma f'daqqa ta' EUR 500 (EUR 700 għall-parteciċipanti b'responsabbiltajiet ta' kura); (2) Inċentiv ta' rikollokament: il-benefiċjarji li jirritornaw għax-xogħol b'kuntratt ta' mill-inqas tliet xhur se jirċievu somma f'daqqa ta' EUR 300. L-inċentiv huwa mfassal biex jinkoraġġixxi l-impjieġ mill-ġdid malajr u jstimula lill-ħaddiema anzjani biex jibqgħu fis-suq tax-xogħol; (3) Kontribuzzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar: il-benefiċjarji jistgħu jiksbu rimborż tal-ispejjeż tat-trasport pubbliku jew EUR 0,19/kilometru meta jivvjaġġaw b'karozza privata biex jipparteċipaw fil-miżuri.

Skont il-Kummissjoni, il-miżuri deskritti jikkostitwixxu miżuri attivi fis-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-FEG u ma jissostitwixxux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.

Spanja pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar azzjonijiet li huma obbligatori għall-intrapriżi kkonċernati permezz tal-liġi nazzjonali jew skont ftehimiet kollettivi. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhijiex se tissostitwixxi tali azzjonijiet.

Proċedura

Sabiex timmobilizza l-Fond, il-Kummissjoni ressqet lill-Awtorità Baġitarja talba għal trasferiment għal ammont globali ta' EUR 1 404 863 mir-riżerva tal-FEG (30 04 02) għal-linja baġitarja tal-FEG (16 02 02).

Skont ftehim intern, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali għandhom jiġu assoċjati mal-proċess sabiex joffru appoġġ kostruttiv u jagħtu kontribut għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-Fond.

22.11.2021

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJJIET SOĊJALI

Is-Sur Johan Van Overtveldt
Il-President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni – EGF/2021/004 ES/Aragón automotive – Spanja (2021/0356(BUD))

Sur President,

Skont il-proċedura msemmija hawn fuq, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijjet Soċjali ntalab jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Novembru 2021, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijjet Soċjali eżamina l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Novembru 2021. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu ta' hawn taħt.

Dejjem tiegħek,

Lucia Ďuriš Nicholsonová

SUĠĠERIMENTI

- A. Billi, fis-26 ta' Lulju 2021, Spanja ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2021/004 ES/Aragón biex timmobilizza l-FEG fir-rigward tal-592 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom ntemmet fis-settur tal-ekonomija kklassifikat taħt id-diviżjoni 29 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' vetturi bil-mutur, trejlers u semitrejlers li jinsabu fir-reġjun NUTS 2 ta' Aragón (ES24)), f'perjodu ta' referenza għall-applikazzjoni mill-1 ta' Novembru 2020 sal-1 ta' Mejju 2021; billi b'kollox huma kkonċernati 50 intrapriża;
- B. Billi l-Kummissjoni qieset l-applikazzjoni ammissibbli skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi l-waqfien mill-attività ta' mill-anqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' sitt xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku definit fid-diviżjoni NACE Reviżjoni 2 u li jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi kif definit fil-livell NUTS 2 fi Stat Membru;
- C. Billi fit-8 ta' Novembru, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċizzjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG biex tappoġġja l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol ta' 320 benefiċjarju fil-mira, mill-592 ħaddiem issensjat matul il-perjodu ta' referenza ta' bejn l-1 ta' Novembru 2020 sal-1 ta' Mejju 2021 u 460 ħaddiem issensjat qabel jew wara l-perjodu ta' referenza;
- D. Billi l-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat kriżi dinjija; billi l-miżuri stretti tal-lockdown implimentati fi Spanja fit-tieni trimestru tal-2020 irriżultaw f'għeluq temporanju ta' attivitajiet kummerċjali tan-negozji tal-karozzi u tal-produzzjoni tal-karozzi, li laqtet sew is-settur tal-karozzi; billi, skont id-data minn Confemetal³⁵ u Anfac³⁶, il-pandemija kellha impatt sinifikanti fuq l-attività u fuq il-fatturat tal-intrapriżi li joperaw fis-settur tal-karozzi fi Spanja, u dan irriżulta fi tnaqqis fil-bejgħ (32,3 %)³⁷, fil-produzzjoni (18,9 %), u fil-fatturat (11,3 %) fl-2020 meta mqabbel mal-2019, b'konsegwenzi negattivi fuq l-impjiegi u fuq il-likwidità tal-intrapriżi (inadempjenzi tal-pagamenti, aċċess għall-kreditu, eċċ.)³⁸; billi wkoll, skont Anfac, in-nuqqas ta' semikondutturi madwar id-dinja qiegħed jagħmel stress addizzjonali fuq is-settur tal-karozzi u qiegħed jikkawża tnaqqis sinifikanti fil-produzzjoni tal-karozzi;
- E. Billi f'Aragón, is-setturi tal-karozzi jirrappreżentaw 2,42 % tal-impjiegi netti u madwar 6 % tal-PDG³⁹ reġjonali, u l-qgħad irreġistrat issa huwa 26 % ogħla mil-livelli ta' qabel il-pandemija (75 578 persuna li qed ifittxu impjieg f'Ġunju 2021 meta mqabbla mas-60 000 f'Ġunju 2019)⁴⁰;
- F. Billi l-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027.

³⁵ Confemetal hija l-Konfederazzjoni Spanjola tal-Organizzazzjonijiet tan-Negozju tal-Metall, li tirrappreżenta lil madwar 220 000 intrapriża u lil aktar minn miljun u nofs ħaddiem.

³⁶ Anfac hija l-assoċjazzjoni tal-manifatturi tal-karozzi Spanjoli.

³⁷ <https://anfac.com/wp-content/uploads/2021/07/Informe-Anual-ANFAC-2020.pdf>

³⁸ Confemetal. Il-Bullettin "Metal en cifras" nru 199, Lulju 2021

³⁹ <https://caaragon.com/>

⁴⁰ <https://www.facebook.com/GobAragon/posts/6537004519658572>

Għalhekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG ġew issodisfati, u li Spanja hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 1 404 863 fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, somma li tirrappreżenta 85 % tal-ispiża totali ta' EUR 1 652 780, u li tinkludi n-nefqa għal servizzi personalizzati ta' EUR 1 600 280 u n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-FEG⁴¹ ta' EUR 52 500;
2. Jinnota li r-rekwiżiti proċedurali kollha ġew issodisfati;
3. Jisħaq li l-awtoritajiet Spanjoli kkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli ma jirċivux assistenza minn fondi jew strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni;
4. Jilqa' l-fatt li s-servizzi personalizzati li ser jiġu pprovduti lill-ħaddiema u lill-persuni li jaħdmu għal rashom jikkonsistu fl-azzjonijiet li ġejjin: sessjonijiet ġenerali ta' informazzjoni u ta' merħba, gwida okkupazzjonali, assistenza intensiva fit-tfittix ta' impjieg, taħriġ orizzontali, ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet, kif ukoll kontribuzzjonijiet għall-ispejjeż ta' vvjaġġar; jinnota li l-miżuri kienu ppjanati f'konformità mal-Ekonomija Ċirkolari Spanjola; ifakkar fil-possibbiltà ta' miżuri speċjali marbuta biż-żmien fi ħdan il-pakkett ikkoordinat inkluż, fost oħrajn, li jiġihallu l-allowances għall-indurkar tat-tfal, kif previst fl-Artikolu 7.2 b tar-Regolament il-ġdid tal-FEG sabiex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni ta' dawk li qed ifittxu impjieg fl-attivitajiet proposti u t-tranżizzjoni tagħhom għax-xogħol;
5. Ihegġegħ lill-awtoritajiet jiffukaw aktar fuq programmi u azzjonijiet imfassla fl-interessi kemm tal-ħaddiema akbar fl-età kif ukoll tan-nisa billi 39,7 % tal-benefiċjarji fil-mira jappartjenu għall-grupp ta' età 54+ u 34,1 % tal-benefiċjarji fil-mira huma nisa, b'dawn iż-żewġ gruppi ta' ħaddiema diġà affettwati b'mod sproporzjonat fir-rata ġenerali tal-qgħad tar-reġjun;
6. Itenni li l-għajnuna mill-FEG ma tridx tissostitwixxi azzjonijiet li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi;
7. Jilqa' l-fatt li s-sħab soċjali ġew ikkonsultati fit-tfassil tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati u jappella għall-involviment tas-sħab soċjali fl-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tiegħu.

⁴¹ F'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament dwar il-FEG.

26.11.2021

ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

Is-Sur Johan Van Overtveldt
President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Kroazja (COM(2021)0963 – 2021/0359(BUD))

Għażiż Sur Van Overtveldt,

Ġiet referuta proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) biex tingħata assistenza lill-Kroazja wara s-serje ta' terremoti li seħħew bejn it-28 ta' Diċembru 2020 u l-21 ta' Frar 2021 (COM(2021) 963 final) għal opinjoni lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali. Nifhem li rapport dwar dan dalwaqt se jiġi adottat mill-Kumitat għall-Baġits.

Din id-deċiżjoni tkopri l-mobilizzazzjoni tal-FSUE skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 għal ammont ta' EUR 319 192 359.

Hija akkumpanjata minn DEC Nru 28/2021 li tippromovi t-trasferiment tal-ammont ta' EUR 277 866 852 mil-linja tar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna f'Emerġenza (SEAR) għal-linja baġitarja operattiva tal-FSUE, kemm f'impenji kif ukoll f'pagamenti, f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027.

Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament QFP, il-limitu massimu annwali kumplessiv tas-SEAR huwa ta' EUR 1 200 000 000 fi prezzijiet tal-2018 jew EUR 1 273 450 000 fi prezzijiet attwali. L-Artikolu 9(4) tar-Regolament QFP jistipula li mill-1 ta' Settembru ta' kull sena, il-parti li jifdal mill-ammont disponibbli fil-qafas tas-SEAR tista' tintuża għall-assistenza minn kwalunkwe komponent tas-SEAR. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament QFP, 25 % tal-allokazzjoni globali tas-SEAR għall-2021 (EUR 318 362 500 fi prezzijiet attwali) kellhom jinżammu sal-1 ta' Ottubru 2021 u saru disponibbli għall-komponenti kollha tas-SEAR minn dik id-data.


Għandu jiġi mfakkar li b'segwitu ta' Deċiżjoni ta' Mobilizzazzjoni preċedenti fl-2021, il-FSUE diġà ġie użat għal ammont totali ta' EUR 484 199 841 biex jipprovdi assistenza lill-Greċja u lil Franza b'rabta ma' diżastri naturali u lil 20 Stat Membru u pajjiż tal-adeżjoni b'rabta mal-emerġenza tas-saħħa pubblika.

Għalhekk, l-ammont massimu disponibbli għall-mobilizzazzjoni taħt il-FSUE f'dan il-punt huwa ta' EUR 359 968 632, li huwa biżżejjed biex ikopri l-ħtiġijiet taħt din id-Deċiżjoni ta' Mobilizzazzjoni.

Dawn l-appropriazzjonijiet se jintużaw għall-ħlas tal-ammont li jifdal lill-Kroazja, wara li jitnaqqas l-avvanz diġà mħallas ta' EUR 41 325 507.

Il-koordinaturi tal-kumitat ivvalutaw din il-proposta, u talbuni niktiblek biex ninfurmak li l-maġġoranza ta' dan il-kumitat ma għandha ebda oġġezzjoni għal din il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex jiġi allokat l-ammont imsemmi hawn fuq kif propost mill-Kummissjoni.

Dejjem tiegħek,



Younous OMARJEE

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni | 9.12.2021 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 40 -: 1 0: 0 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Rasmus Andresen, Robert Biedroń, Anna Bonfrisco, Olivier Chastel, Lefteris Christoforou, David Cormand, Paolo De Castro, Andor Deli, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Alexandra Geese, Vlad Gheorghe, Valentino Grant, Elisabetta Gualmini, Valérie Hayer, Eero Heinäluoma, Niclas Herbst, Monika Hohlmeier, Moritz Körner, Joachim Kuhs, Zbigniew Kuźmiuk, Hélène Laporte, Pierre Larrouturou, Janusz Lewandowski, Silvia Modig, Siegfried Mureşan, Victor Negrescu, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Dimitrios Papadimoulis, Karlo Ressler, Bogdan Rzońca, Nicolae Ştefănuţă, Nils Torvalds, Nils Ušakovs, Johan Van Overtveldt, Rainer Wieland, Angelika Winzig |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Jonás Fernández, Mario Furore, Henrike Hahn |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

| 40 | + |
|-----------|---|
| ECR | Zbigniew Kuźmiuk, Bogdan Rzońca, Johan Van Oortveldt |
| ID | Anna Bonfrisco, Valentino Grant, H el ene Laporte |
| NI | Andor Deli, Mario Furore |
| PPE | Lefteris Christoforou, Jos e Manuel Fernandes, Niclas Herbst, Monika Hohlmeier, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Karlo Ressler, Rainer Wieland, Angelika Winzig |
| Renew | Olivier Chastel, Vlad Gheorghe, Val erie Hayer, Moritz K orner, Nicolae Ştef anu a, Nils Torvalds |
| S&D | Robert Biedro n, Paolo De Castro, Jon as Fern andez, Eider Gardiazabal Rubial, Elisabetta Gualmini, Eero Hein aluoma, Pierre Larrourou, Victor Negrescu, Nils U akovs |
| The Left | Silvia Modig, Dimitrios Papadimoulis |
| Verts/ALE | Rasmus Andresen, David Cormand, Alexandra Geese, Henrike Hahn |

| 1 | - |
|----------|--------------|
| ID | Joachim Kuhs |

| 0 | 0 |
|----------|----------|
|----------|----------|

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni